KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fil-21 ta' Settembru 2017 [1]

Kawża C-297/16

Colegiul Medicilor Veterinari din România
vs
Autoritatea Națională Sanitară Veterinară şi pentru Siguranța Alimentelor
Parti intervenjenti:
Asociația Națională a Distribuitorilor de Produse de Uz Veterinar din România

[talba għal deċiżjoni preliminari mill-Curtea de Apel Bucureşti (qorti tal-appell, Bukarest, ir-Rumanija)]

"Artikolu 49 TFUE — Direttiva 2001/82/KE — Prodotti mediċinali veterinarji — Direttiva 2005/36/KE — Taħriġ ta' prattikanti veterinarji — Direttiva 2006/123/KE — Servizzi fis suq intern — Regoli nazzjonali li jillimitaw id-dritt għall-bejgħ bl-imnut, għall-użu u għall-amministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji, kontra l-parassiti u organiċi għal prattikanti veterinarji — Rekwiżit li l-kapital ta' stabbilimenti farmaċewtiċi veterinarji jinżamm kollu jew kważi kollu minn prattikanti veterinarji — Protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bniedem u tal-annimali"

1. Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari l-Curtea de Apel Bucureşti (qorti tal-appell, Bukarest, ir-Rumanija) tistaqsi jekk huwiex permissibbli, skont id-dritt tal-Unjoni, li l-bejgħ bl-imnut, l-użu u l-amministrazzjoni ta' prodotti organiċi veterinarji, ta' prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u ta' prodotti mediċinali veterinarji fir-Rumanija (iktar 'il quddiem il-"prodotti inkwistjoni") ikunu limitati għal prattikanti veterinarji. Din il-qorti titlob ukoll gwida dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni b'rabta ma' regoli nazzjonali li jirregolaw l-istruttura ekonomika tal-istabbilimenti farmaċewtiċi veterinarji li permezz tagħhom isir il-bejgħ ta' tali prodotti.

2. It-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri bejn, minn naħa, il-Colegiul Medicilor Veterinari din România (kulleġġ tat-tobba veterinarji tar-Rumanija; iktar 'il quddiem il-"Kulleġġ") u, min-naħa l-oħra, l-Autoritatea Națională Sanitară Veterinară şi pentru Siguranța Alimentelor (awtorità nazzjonali għas-saħħa veterinarja u s-sigurtà tal-ikel, ir-Rumanija; iktar 'il quddiem l-"Awtorità") — sostnuta mill-Asociația Națională a Distribuitorilor de Produse de Uz Veterinar din România (assoċjazzjoni nazzjonali ta' distributuri ta' prodotti veterinarji tar-Rumanija; iktar 'il quddiem id-"Distributuri") — dwar il-legalità ta' ordni maħruġa mill-awtorità li temenda r-Regoli dwar is-Saħħa Veterinarja tagħha (iktar 'il quddiem ir-"RSV"). Dik l-ordni ħassret l-obbligu li tkun ippreżentata kopja taċ-ċertifikat ta' dħul fir-Reġistru uniku ta' prattiki veterinarji tar-Rumanija (iktar 'il quddiem ir-"Reġistru") sabiex jinħareġ permess ta' saħħa veterinarja għat-tmexxija ta' spiżeriji veterinarji u ta' ħwienet farmaċewtiċi veterinarji.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

3. Id-domandi preliminari jikkonċentraw fuq il-limiti tal-awtonomija regolatorja tal-Istati Membri fir-rigward tal-prerogattivi tal-professjoni ta' prattikant veterinarju. F'dan li ġej ser nispjega għaliex inqis li r-regoli Rumeni inkwistjoni, kif imressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja, huma inkompatibbli mad-Direttiva 2006/123/KE [2].

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

a) Id-Direttiva 2001/82/KE [3]

4. Skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2001/82, inkluż taħt it-Titolu I tagħha ("Definizzjonijiet"), "prodott mediċinali veterinarju" ifisser, għall-finijiet ta' din id-direttiva, kull sustanza jew taħlita ta' sustanzi (a) ippreżentata bħala li għandha proprjetajiet sabiex jiġi ttrattat jew evitat mard tal-annimali, jew (b) li tista' tintuża għal jew mogħtija lil annimali sabiex jew jerġgħu jiġu mogħtija, jissewwew jew jiġu mmodifikati funzjonijiet fiżjoloġiċi billi teżerċita azzjoni farmakoloġika, immunoloġika jew metabolika, jew sabiex issir dijanjożi medika.

5. L-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2001/82, li jagħmel parti mit-Titolu VI ta' din id-direttiva ("Pussess, distribuzzjoni bl-ingrossa u rimi [għoti] ta' prodotti veterinarji mediċinali"), jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha adatti sabiex jiżguraw li l-provvista bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji ssir biss minn persuni li jkollhom permess jagħmlu dan ix-xogħol bil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat.

6. L-Artikolu 67 tad-Direttiva 2001/82 jgħid li bla ħsara għal regoli tal-Unjoni jew nazzjonali iktar stretti li jirrigwardaw l-għoti ta' prodotti mediċinali veterinarji u li jservu għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, riċetta mingħand veterinarju hija meħtieġa sabiex il-pubbliku jingħata l-prodotti mediċinali veterinarji elenkati f'din id-dispożizzjoni. Barra minn dan, skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li, fil-każ ta' prodotti mediċinali mogħtija biss b'riċetta, il-kwantità preskritta u mogħtija tkun ristretta għall-ammont minimu meħtieġ għat-trattament jew għat-terapija kkonċernata.

7. L-Artikolu 68(1) tad-Direttiva 2001/82 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li persuni awtorizzati mill-liġijiet nazzjonali tagħhom biss ikollhom jew jikkontrollaw prodotti mediċinali veterinarji jew sustanzi li jistgħu jintużaw bħala prodotti veterinarji mediċinali li għandhom proprjetajiet anaboliċi, anti-infettivi, anti-parassitiċi, anti-infjammatorji, ormonali jew psikotropiċi."

2 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006 L 376, p. 36).

3 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novmbru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. *27,* p. 3), kif emendata.

b) Id-Direttiva 2005/36/KE[4]

8. Skont l-Artikolu 38(3) tad-Direttiva 2005/36 ("It-taħriġ tal-[prattikanti] veterinarji"[5]), it-taħriġ bħala prattikant veterinarju għandu jiżgura li l-professjonist inkwistjoni jkun kiseb l-għarfien u l-ħiliet elenkati f'din id-dispożizzjoni inkluż fil-punt (f) ta' din id-dispożizzjoni, "l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-użu responsabbli u raġjonevoli ta' prodotti mediċinali veterinarji, sabiex jiġu trattati l-annimali u tiġi żgurata s-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-protezzjoni tal-ambjent".

c) Id-Direttiva 2006/123

9. Id-Direttiva 2006/123 tapplika, skont l-Artikolu 2(1) tagħha ("Kamp ta' applikazzjoni"), "għal servizzi pprovduti mill-fornituri stabbiliti fi Stat Membru"[6] Madankollu, servizzi tal-kura tas-saħħa huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha skont l-Artikolu 2(2)(f).

10. L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2006/123 ("Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi [tal-Unjoni]") jipprovdi li l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-direttiva skont ir-regoli dwar id-dritt ta' stabbiliment u tal-moviment liberu tas-servizzi.

11. L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123 ("Rekwiżiti li għandhom jiġu evalwati") jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk, taħt is-sistema legali tagħhom, kwalunkwe mir-rekwiżiti [7] elenkati fil-paragafu 2 huma imposti u għandhom jiżguraw li tali rekwiżiti huma kompatibbli mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. L-Istati Membri għandhom jaddattaw il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom sabiex jagħmluhom kompatibbli ma' dawk il-kondizzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tagħmilx l-aċċess għal attività ta' servizz jew l-eżerċizzju tagħha soġġetta għal konformità ma' kwalunkwe minn dawn ir-rekwiżiti mhux-diskriminatorji:

[…]

(ċ) rekwiżiti li huma relatati mal-proprjetà f'ishma ta' kumpannija;

(d) rekwiżiti, għajr dawk li jikkonċernaw kwistjonijiet koperti mid-[Direttiva 2005/36] jew previsti fi strumenti [tal-Unjoni] oħrajn, li jirriżervaw l-aċċess għall-attività ta' servizz ikkonċernata għal fornituri speċifiċi skond in-natura speċifika ta' l-attività;

[…]

4 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU 2005 L 255, p. 22), kif emendata.

5 Fil-verżjoni tagħha bl-Ingliż id-Direttiva 2005/36 tuża l-frażi "veterinary surgeon" (kirurgi veterinarji) — il-frażi tradizzjonalment ippreferuta fl-Ingliż Brittaniku — minn frażijiet oħra, bħal "veterinarian" (veterinarju) (il-kelma ppreferuta bl-Ingliż tal-Istati Uniti). Din l-aħħar kelma, madankollu, hija użata fid-Direttiva 2001/82. Għal raġunijiet ta' stil ser nuża l-frażi "veterinary practitioner" (prattikant veterinarju) f'dawn il-konklużjonijiet kollha. Ma hija intiża ebda differenza b'daqshekk.

6 Skont l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2006/123 ("Definizzjonijiet"), "servizz" tfisser kull attività ekonomika ta' persuna li taħdem għal rasha normalment ipprovduta bi ħlas, kif imsemmi fl-Artikolu 57 TFUE, u "fornitur" tfisser kull persuna fiżika li tkun ċittadina ta' Stat Membru, jew kull persuna ġuridika kif imsemmi fl-Artikolu 54 TFUE u li tkun stabbilita fi Stat Membru, li toffri jew tipprovdi servizz.

7 Skont l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2006/123 ("Definizzjonijiet"), "rekwiżit" tfisser "kwalunkwe obbligu, projbizzjoni, kondizzjoni jew limitu stipulat fil-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri jew bħala riżultat tal-każistika, il-prattika amministrattiva, ir-regoli ta' korpi professjonali, jew ir-regoli kollettivi ta' assoċjazzjonijiet professjonali jew organizzazzjonijiet professjonali oħrajn, adottati fl-eżerċizzju ta' l-awtonomija legali tagħhom; regoli stabbiliti fil-ftehim kollettivi negozjati mill-imsieħba soċjali ma għandhomx jidhru bħala rekwiżiti fit-tifsira ta' din id-Direttiva".

3. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) non-diskriminazzjoni: ir-rekwiżiti m'għandhomx ikunu diskriminatorji la direttament lanqas indirettament skond in-nazzjonalità jew, fir-rigward ta' kumpanniji, skond il-post ta' l-uffiċċju rreġistrat;

(b) bżonn: ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġġustifikati b'raġuni aktar importanti li għandha x'taqsam ma' l-interess pubbliku;

(c) proporzjonalità: ir-rekwiżiti għandhom ikunu adatti biex jiżguraw li jintlaħaq l-objettiv mixtieq; m'għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv; u ma għandux ikun possibbli li dawk ir-rekwiżiti jiġu sostitwiti minn miżuri oħrajn, anqas restrittivi li jwasslu għall-istess riżultat.

[…]"

B. Id-dritt Rumen

a) Il-Liġi Nru 160/1998

12. Skont l-Artikolu 2 tal-Legea nr. 160/1998 pentru organizarea şi exercitarea profesiunii de medic veterinar (Liġi Nru 160/1998 dwar l-organizzazzjoni u l-prattika tal-professjoni ta' prattikant veterinarju, fil-verżjoni tagħha ppubblikata mill-ġdid; iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 160/1998")[8]:

"1. Il-professjoni ta' prattikant veterinarju għandha tiġi pprattikata fir-Rumanija minn kull persuna li tkun ċittadina Rumena u li jkollha diploma fil-mediċina veterinarja jew l-ekwivalenti tagħha skont il-liġi, u minn ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Isvizzera li jkollhom diplomi fil-mediċina veterinarja, ċertifikati, jew kwalifiki oħra indikati mil-liġi u maħruġa minn istituzzjoni edukattiva tal-Istat konċernat.

[…]

5. Prattikanti veterinarji li jkunu ċittadini Rumeni u li jgħixu barra l-pajjiż, u prattikanti veterinarji li jkunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Isvizzera li jipprattikaw il-professjoni ta' prattikant veterinarju fir-Rumanija għandhom ikollhom l-istess drittijiet u jkunu suġġetti għall-istess obbligi stabbiliti mill-[Kulleġġ] fir-rigward ta' prattikanti veterinarji."

13. L-Artikolu 4(i) tal-Liġi Nru 160/1998 jipprovdi li prattikanti veterinarji għandhom dritt esklużiv b'rabta mal-kummerċ bl-imnut u mal-użu ta' prodotti organiċi, prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u prodotti mediċinali veterinarji.

14. Skont l-Artikolu 9(b) tal-Liġi Nru 160/1998, il-Kulleġġ għandu jirreda, *inter alia*, il-Karta tal-prattikanti veterinarji (iktar 'il quddiem il-"KPV"), li d-dispożizzjonijiet tagħha huma vinkolanti fil-prattika tal-professjoni ta' prattikant veterinarju.

15. L-Artikolu 16 tal-Liġi Nru 160/1998 jgħid li s-sħubija fil-Kulleġġ tista' tingħata lil kull prattikant veterinarju li jkun ċittadin tar-Rumanija jew ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li (i) jeżerċita legalment il-professjoni ta' prattikant veterinarju fir-Rumanija skont l-Artikolu 2 ta' dik il-liġi; (ii) ma jkunx jinsab f'sitwazzjoni ta' diżunur kif ipprovdut bil-liġi; u (iii) ikun medikament tajjeb sabiex

8 Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 289, tas-6 ta' Awwissu 1998.

jeżerċita l-professjoni ta' prattikant veterinarju. Madankollu, skont l-Artikolu 17 tal-Liġi Nru 160/1998, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 16 ma japplikawx għall-eżerċizzju tal-professjoni minn ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ekonomika Ewropea u tal-Isvizzera li jseħħ fl-għamla ta' provvista ta' servizzi. F'sitwazzjoni bħal din iċ-ċittadini ta' dawn l-Istati jiġu inklużi fir-Reġistru, mingħajr ma jiksbu l-istatus ta' membru.

16. Skont l-Artikolu 28(1) tal-Liġi Nru 160/1998:

"Fil-prattika tal-professjoni tiegħu prattikant veterinarju rreġistrat għandu jorganizza lilu nnifsu u jopera fil-qafas ta':

(a) prattika veterinarja, f'waħda mill-forom li ġejjin:

1. prattika veterinarja individwali;

2. grupp ta' prattiki veterinarji assoċjati;

(b) kumpannija […] li primarjament tagħmel attivitajiet veterinarji."

17. Skont l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 160/1998:

"1. L-istrument li juri li tkun twaqqfet prattika veterinarja huwa ċ-ċertifikat ta' dħul fir-[Reġistru] […] Iċ-ċertifikat ta' dħul fir-Reġistru huwa meħtieġ sabiex tingħata l-awtorizzazzjoni sabiex il-prattika topera; kopja ta' dan iċ-ċertifikat tingħata lid-detentur.

2. Ir-[Reġistru] għandu jinżamm mill-[Kulleġġ]."

18. L-Artikolu 37 tal-Liġi Nru 160/1998 jgħid:

"1. Prodotti mediċinali veterinarji u prodotti kontra l-parassiti għandhom jinbiegħu biss f'imħażen legalment awtorizzati, fi ħwienet farmaċewtiċi u fi spiżeriji veterinarji.

2. Prodotti organiċi veterinarji għandhom jinbiegħu biss f'imħażen veterinarji awtorizzati u għandhom jintużaw biss minn prattikanti veterinarji jew minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi awtorizzati, fil-kuntest ta' trattament veterinarju."

b) Il-KPV

19. L-Artikolu 1(m) tal-KPV, adottata mill-Kulleġġ permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/2013 [9], jinkludi d-definizzjoni li ġejja:

"[Reġistru] — dokument uffiċjali u pubbliku taħt il-kontroll tal-Bureau tal-[Kulleġġ] li jinkludi dan li ġej:

– l-istabbilimenti ta' kura veterinarja kollha li jkollhom jew li ma jkollhomx personalità ġuridika awtorizzati jipprattikaw fir-Rumanija;

– spiżeriji veterinarji u ħwienet farmaċewtiċi veterinarji, jekk il-kapital tagħhom ikun esklużivament miżmum minn prattikanti veterinarji jew jekk ikun inġabar mod ieħor b'konsegwenza ta' emendi leġiżlattivi sussegwenti […]"

9 Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 676, tas-16 ta' Settembru 2014.

20. L-Artikolu 37 tal-KPV jipprovdi:

“1. Fil-kummerċ bl-imnut ta’ prodotti mediċinali veterinarji, prattikanti veterinarji rreġistrati għandhom ikunu organizzati esklużivament bħala persuni ġuridiċi, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-[Liġi Nru 160/1998] u għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-istrutturi veterinarji awtorizzati li ġejjin: (a) ħwienet farmaċewtiċi veterinarji; (b) spiżeriji veterinarji.

[…]

3. Prattikanti veterinarji li jkunu ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Isvizzera u li jkollhom diploma, ċertifikat jew kwalifika oħra maħruġa minn istituzzjoni edukattiva veterinarja ta’ dak l-Istat jew ta’ Stat terz u li tikkonferma li huma prattikanti veterinarji kkwalifikati, jew l-ekwivalenti tagħhom skont il-liġi, jistgħu jkunu azzjonisti ta’ strutturi veterinarji mingħajr ma jkunu obbligati jkunu membri tal-[Kulleġġ] jew japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex jipprattikaw din il-professjoni.

[…]”

21. Skont l-Artikolu 38 tal-KPV:

“1. Prodotti mediċinali veterinarji u prodotti kontra l-parassiti għandhom jinbiegħu, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi, biss f’imħażen, ħwienet farmaċewtiċi u spiżeriji veterinarji li jkollhom permess ta’ saħħa veterinarja.

2. Prodotti organiċi veterinarji għandhom jinbiegħu biss f’imħażen veterinarji awtorizzati.

3. Prodotti mediċinali veterinarji, prodotti kontra l-parassiti u prodotti organiċi veterinarji għandhom jintużaw u jiġu amministrati esklużivament minn prattikanti veterinarji li jkunu sidien ta’, jew li jkunu impjegati fi, strutturi ta’ kura veterinarja jew ta’ konsulenza […]”

22. L-Artikolu 39 KPV jgħid:

“Iċ-ċertifikat għall-prattika tal-professjoni ta’ prattikant veterinarju […] huwa dokument maħruġ mill-Bureau tal-Kunsill Distrettwali— jew tal-muniċipalità ta’ Bukarest— tal-[Kulleġġ], wara applikazzjoni magħmula minn prattikant veterinarju għal awtorizzazzjoni sabiex jeżerċita l-professjoni ta’ prattikant veterinarju fil-qafas tal-istrutturi tal-kura veterinarja u tal-istrutturi farmaċewtiċi veterinarji li jwettqu l-kummerċ bl-imnut ta’ prodotti mediċinali veterinarji.”

c) Ir-RSV

23. Permezz tal-Ordni Nru 83/2014 tat-22 ta’ Lulju 2014[10] l-Awtorità adottat ir-RSV, li jirregolaw il-kundizzjonijiet għall-organizzazzjoni u għat-tmexxija ta’ strutturi farmaċewtiċi veterinarji u l-proċedura ta’ reġistrazzjoni tas-saħħa veterinarja/l-awtorizzazzjoni tas-saħħa veterinarja ta’ strutturi u attivitajiet tas-settur farmaċewtiku veterinarju.

10 Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 541A, tat-22 ta’ Lulju 2014.

24. Skont l-Artikolu 3(a) tar-RSV, "spiżerija veterinarja" hija ddefinita bħala stabbiliment farmaċewtiku veterinarju li jkollu u jbiegħ bl-imnut mediċini veterinarji, għalf, għalf mediċinali u prodotti veterinarji oħra, strumenti u apparat mediku, mezzi u aċċessorji mediċi għall-annimali, skont il-liġi. Skont l-Artikolu 3(h) ta' dawk ir-regoli, "ħanut farmaċewtiku veterinarju" huwa ddefinit bħala stabbiliment farmaċewtiku veterinarju li l-attività tiegħu tkun tikkonsisti fil-bejgħ bl-imnut limitat għal mediċini veterinarji mingħajr riċetta, prodotti veterinarji oħra, strumenti u apparat mediku, mezzi mediċi, aċċessorji u ikel għall-annimali.

25. L-Artikolu 11 tar-RSV jipprovdi:

"Il-persunal speċjalizzat ta' spiżerija veterinarja għandu jkun magħmul minn:

(a) persunal b'edukazzjoni ogħla speċjalizzata fil-qasam tal-mediċina veterinarja;

(b) persunal b'edukazzjoni sekondarja speċjalizzata fil-qasam tal-mediċina veterinarja, mediċina għall-bniedem, farmakoloġija, kimika, bijoloġija;

(c) persunal amministrattiv."

26. Skont l-Artikolu 12 tar-RSV:

"1. Ma huwiex obbligatorju li jiġi impjegat persunal b'edukazzjoni sekondarja speċjalizzata fi spiżerija veterinarja.

2. It-tmexxija ta' spiżerija veterinarja teħtieġ il-preżenza ta' prattikant veterinarju li jkollu ċertifikat sabiex jipprattika din il-professjoni maħruġ mill-[Kulleġġ].

3. It-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali veterinarji ta' spiżerija veterinarja għandu jsir, permezz tal-kummerċ bl-imnut biss, mill-persunal imsemmi fl-Artikolu 11(a) u (b)."

27. L-Artikolu 14 tar-RSV jirrikjedi li l-persunal imsemmi fl-Artikolu 11(b) iwettaq xogħlu biss fil-preżenza u taħt is-superviżjoni ta' prattikant veterinarju, u li jkun jaf il-leġiżlazzjoni applikabbli dwar is-saħħa veterinarja.

28. L-Artikolu 23(1) u (2) tar-RSV jirrifletti, fir-rigward tal-persunal ta' ħwienet farmaċewtiċi veterinarji, ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 11(a) sa (c) u fl-Artikolu 12(1). Barra minn dan, l-Artikolu 23(3) jispeċifika li ħanut farmaċewtiku veterinarju ma jistax jopera mingħajr il-preżenza tal-persunal imsemmi fl-Artikolu 11(b).

29. Skont l-Artikolu 24 tar-RSV, biss prodotti mediċinali veterinarji mingħajr riċetta, prodotti veterinarji oħra u ikel u aċċessorji għall-annimali jistgħu jinbiegħu fi ħwienet farmaċewtiċi veterinarji. Barra minn dan, skont l-Artikolu 25 ta' dawk ir-regoli, huwa pprojbit il-bejgħ ta' mediċina veterinarja immunoloġika, mediċina veterinarja mogħtija b'riċetta u għalf mediċinali fi ħwienet farmaċewtiċi veterinarji.

30. L-Artikolu 43(j) tar-RSV jipprovdi:

"Sabiex jinħariġlu permess ta' saħħa veterinarja għat-tmexxija ta' spiżeriji veterinarji, ir-rappreżentant legali tal-istruttura kkonċernata għandu jippreżenta lill-awtorità kompetenti nazzjonali għas-saħħa veterinarja u s-sigurtà tal-ikel applikazzjoni li jkollha d-dokumenti li ġejjin:

[…]

(j) kopja taċ-ċertifikat ta' dħul fir-[Reġistru]."

31. L-Artikolu 51(g) tar-RSV jimponi obbligu identiku fuq il-ħwienet farmaċewtiċi veterinarji bħal dak stabbilit fl-Artikolu 43(j).

32. Permezz tal-Ordni Nru 31/2015 tas-26 ta' Marzu 2015 (iktar 'il quddiem l-"ordni kkontestata")[11], l-Awtorità rrevokat l-Artikolu 43(j) u l-Artikolu 51(g) tar-RSV.

II. Il-fatti, il-proċedura u-d-domandi preliminari

33. Wara l-adozzjoni tal-ordni kontestata, il-Kulleġġ ressaq kawża quddiem il-qorti tar-rinviju fejn talab l-annullament tagħha billi sostna, *inter alia*, li din kienet tikser l-Artikolu 4(i) tal-Liġi Nru 160/1998.

34. F'dik il-kawża l-Kulleġġ jissottometti li, skont l-Artikolu 4(i) tal-Liġi Nru 160/1998, esklużività vera fil-bejgħ bl-imnut ta' mediċini veterinarji titlob li prattikanti veterinarji jkollhom setgħa jieħdu deċiżjoni, u ma tkunx teżisti jekk ikollhom biss status ta' msieħeb minoritarju. Għaldaqstant, huwa jissottometti li ishma f'kumpanniji li japplikaw għal reġistrazzjoni jew għal awtorizzazzjoni bħala spiżeriji veterinarji u ħwienet farmaċewtiċi għandhom ikunu miżmuma esklużivament jew għall-inqas kważi kollha minn veterinarji prattikanti reġistrati. B'riferiment għall-Artikolu 1(m) tal-KPV, il-Kulleġġ jissottometti li bħala dak li jżomm ir-Reġistru, huwa jaf l-aħjar il-qagħda ta' prattikanti veterinarji Rumeni, li hija r-raġuni għaliex ingħatawlu l-mezzi sabiex jiżgura li jkun hemm konformità mal-Artikolu 4(i) tal-Liġi Nru 160/1998. Il-Kulleġġ jgħid li r-rekwiżit tal-esklużività ma huwiex osservat fil-prattika, minħabba li l-awtoritajiet kompetenti tas-saħħa veterinarja issa joħorġu awtorizzazzjonijiet lil kumpanniji li l-prattikant veterinarju tagħhom mhux biss ma jkunx l-uniku azzjonist, iżda lanqas l-azzjonist ewlieni.

35. L-Awtorità għall-kuntrarju tissottometti li l-Ministerul Afacerilor Externe (ministeru għall-affarijiet barranin, ir-Rumanija) kien ħareġ riżervi meta kien ikkonsultat matul il-proċess li wassal għall-adozzjoni tar-RSV. Dak il-ministeru kien għamel riferiment, b'mod partikolari, għal skambju ta' fehmiet mal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kompatibbiltà tar-regoli Rumeni inkwistjoni mad-Direttiva 2006/123, l-iktar ir-rekwiżit li prattikanti veterinarji jkunu l-proprjetarji 100 % tal-ishma fil-kumpanniji li jmexxu spiżeriji veterinarji fir-Rumanija. L-Awtorità għamlet ukoll riferiment għall-opinjoni tal-Consiliul Concurenței (kunsill dwar il-kompetizzjoni, ir-Rumanija), li semma li seta' jkun hemm restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq għall-kummerċ bl-imnut ta' prodotti veterinarji minn spiżeriji veterinarji li toriġina mill-Artikolu 43(j) tar-RSV. Fid-dawl tal-osservazzjonijiet li kienu waslulha, l-Awtorità tqis li l-esklużività msemmija fl-Artikolu 4(i) tal-Liġi Nru 160/1998 tirrigwarda l-attività bħala prattikant veterinarju, u mhux l-attività tal-istabbiliment li fih jaħdem prattikant veterinarju. Il-Liġi Nru 160/1998 ma teħtieġx li kumpanniji jkunu esklużivament miżmuma minn prattikanti veterinarji, minħabba li prattikant veterinarju jista' jaħdem għal tali kumpannija u, għalhekk, jiżgura konformità mar-regoli dwar l-esklużività fil-bejgħ bl-imnut, l-użu u l-amministrazzjoni tal-prodotti inkwistjoni.

36. B'intervent insostenn tal-Awtorità, id-Distributuri jissottomettu, *inter alia*, li r-regoli Rumeni inkwistjoni jagħtu lok għal drittijiet esklużivi li jirrestriġu l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu stabbiliti u jinżammu prattiki veterinarji kif ukoll it-termini tal-kummerċ fi prodotti veterinarji. Id-Distributuri jsostnu li dan jammonta għal distorsjoni tal-kompetizzjoni minħabba li dawk ir-regoli jiksru l-libertajiet iggarantiti lil kummerċjanti mit-Trattati; l-Artikoli 67 u 69[12] tad-Direttiva 2001/82, kif ukoll għadd ta' dispożizzjonijiet oħra.

11 Monitorul Oficial al României, Parti I, Nru 235, tas-7 ta' April 2015.

12 Skont l-Artikolu 69(1) tad-Direttiva 2001/82: "L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sidien jew gwardjani ta' annimali li jipproduċu l-ikel jistgħu juru prova tax-xiri, pussess u somministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji lil dawn l-annimali għal ħames snin mis-somministrazzjoni, inkluż meta l-annimal jiġi maqtul matul il-perjodu ta' ħames snin."

37. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar ’il fuq, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tirrinvija d-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari:

“(1) Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-veterinarji esklużività fil-kummerċ bl-ingrossa [imnut] u fl-użu ta’ prodotti bijoloġiċi, ta’ prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u ta’ mediċini għal użu veterinarju?

(2) Jekk tali esklużività titqies li hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, dan tal-aħħar jipprekludi li din l-esklużività tirrigwarda wkoll l-istabbilimenti li jeżerċitaw il-kummerċ inkwistjoni, fis-sens ta’ rekwiżit li l-istabbiliment ikun fil-maġġoranza jew esklużivament proprjetà ta’ veterinarji jew numru ta’ veterinarji?”

38. Osservazzjonijiet bil-miktub kienu sottomessi mill-Kulleġġ, mid-Distributuri, mill-Gvern Rumen u mill-Kummissjoni. Ħlief għall-Kulleġġ, dawn il-partijiet ippreżentaw sottomissjonijiet orali waqt is-seduta tat-28 ta’ Ġunju 2017.

III. Analiżi

A. Kwistjonijiet ta’ forma

1. Nuqqasijiet allegati tad-digriet tar-rinviju

39. Fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom id-Distributuri jsostnu li din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli, minħabba li d-domandi rrinvijati jippresupponu li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħżel ir-regola tad-dritt tal-Unjoni li għandha tiġi interpretata. Il-partijiet ma għandhomx il-possibbiltà li jiksbu tagħrif dwar dik l-għażla jew li jissottomettu osservazzjonijiet f’dak ir-rigward.

40. Id-Distributuri jqisu wkoll li d-digriet tar-rinviju ma fihx l-elementi ta’ fatt u ta’ liġi meħtieġa, li jwassalhom sabiex jissuġġerixxu li dan jerġa’ jiġi fformulat u kkompletat.

41. Madankollu, dawk l-oġġezzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

42. Il-qorti tar-rinviju fil-fatt tispeċifika, fil-korp tad-digriet tar-rinviju, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija tqis rilevanti [13]. Id-digriet tar-rinviju, għalhekk, huwa konformi mal-Artikolu 94(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn dan, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja aktarx ikollha tidentifika d-dispożizzjonijiet preċiżi tad-dritt tal-Unjoni li japplikaw fil-kawża prinċipali ma jirrendix id-digriet tar-rinviju inammissibbli. Id-Distributuri kellhom l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar liema regoli jqisu li huma applikabbli [14].

43. Fir-rigward tal-ħtieġa li d-domandi preliminari jiġu fformulati mill-ġdid, ser nerġa’ niġi għal din il-kwistjoni fil-punt 55.

2. Il-preżenza ta’ element transkonfinali

44. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tqajjem il-punt dwar jekk il-kawża prinċipali tirrigwardax sitwazzjoni purament interna, li hija tqis li ma huwiex il-każ. Kien x’kien, hija tal-fehma li d-Direttiva 2006/123 tapplika wkoll għal sitwazzjonijiet purament interni.

13 Minbarra li tiċċita, *inter alia*, l-Artikoli 49, 54 u 55 TFUE, il-qorti tar-rinviju ssemmi l-Artikoli 1, 66, 67 u 69 tad-Direttiva 2001/82; l-Artikolu 38 tad-Direttiva 2005/36 u l-Artikoli 3, 14 u 15 tad-Direttiva 2006/123.

14 Qabbel mas-sentenza tad-19 ta’ Jannar 1994, SAT Fluggesellschaft, C-364/92, EU:C:1994:7, punt 9.

45. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tqis jekk għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni mitluba, minħabba li ma għandhiex ġurisdizzjoni meta huwa evidenti li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni rrinvijata lilha sabiex tinterpretaha ma tistax tapplika. Dan jista', bħala regola, ikun il-każ meta l-fatti kollha rilevanti għall-każ fil-kawża prinċipali jkunu limitati għal Stat Membru wieħed [15].

46. Naqbel mal-Kummissjoni li din it-talba għal deċiżjoni preliminari ma hijiex dwar sitwazzjoni purament interna. Fil-kawża prinċipali, il-Kulleġġ jitlob l-annullament tal-ordni kkontestata, li tissemplifika ċerti formalitajiet għall-ftuħ ta' prattiki veterinarji. Id-digriet tar-rinviju jispjega għaliex din ma hijiex sitwazzjoni purament interna. Dan jiġbor fil-qosor l-iskambju ta' fehmiet bejn ir-Rumanija u l-Kummissjoni dwar l-effett li r-regoli Rumeni inkwistjoni jista' jkollhom fuq operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra fl-eżerċizzju tal-attività ta' prattikant veterinarju, b'mod partikolari permezz ta' parteċipazzjoni f'ishma f'kumpanniji stabbiliti fir-Rumanija mwaqqfa għal dak l-iskop.

47. F'dan l-isfond inqis li d-digriet tar-rinviju għandu indikazzjonijiet biżżejjed dwar għaliex deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tinterpreta r-regoli tat-Trattat dwar il-libertà ta' moviment, hija meħtieġa għall-qorti tar-rinviju fil-kawża pendenti quddiemha [16].

48. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jeħtiġilhiex *a fortiori* tieħu pożizzjoni dwar l-argument tal-Kummissjoni, imressaq sussidjarjament, li d-Direttiva 2006/123 tista' tapplika wkoll fejn tilwima kellha tkun limitata f'kull rigward għal Stat Membru wieħed [17].

B. Fil-mertu

1. Dispożizzjonijiet applikabbli

49. Minħabba li l-kliem taż-żewġ domandi preliminari sempliċement isemmi "id-dritt tal-Unjoni", jeħtieġ jiġi ddeterminat jekk ir-regoli Rumeni inkwistjoni għandhomx jitqiesu skont ir-regoli dwar il-libertà ta' moviment stabbiliti fit-Trattat FUE jew minflok skont id-Direttiva 2006/123 [18].

50. Fil-kawża Rina Services *et* [19] il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddikjaratx b'mod espliċitu li regoli nazzjonali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni kemm tad-Direttiva 2006/123, kif ukoll tal-Artikoli 49 u 56 TFUE għandhom jiġu evalwati biss skont ir-rekwiżiti ta' dik tal-ewwel [20]. Madankollu, l-effett ta' dik is-sentenza jidher — forsi b'sorpriża — li huwa preċiżament dak. Skont dik is-sentenza, irrispettivament mill-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2006/123, l-Istati Membri ma jistgħux jistrieħu fuq il-motivi elenkati fl-Artikolu 52(1) TFUE sabiex jidderogaw mid-Direttiva 2006/123 [21].

51. Minn dik is-sentenza wieħed, għalhekk, jista' jinferixxi li d-domandi rrinvijati għandhom jitqiesu abbażi tad-Direttiva 2006/123.

15 Ara s-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Wojciechowski, C-408/14, EU:C:2015:591, punti 25 u 26 u l-ġurisprudenza ċċitata.

16 Sentenza tal-15 ta' Novembru 2016, Ullens de Schooten, C-268/15, EU:C:2016:874, punti 50, 51 u 54 u l-ġurisprudenza ċċitata. F'dik il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja, billi qieset li kellha ġurisdizzjoni, għaddiet biex tat risposta fuq il-mertu, minflok ma ddikjarat il-kawża inammissibbli.

17 Fil-konklużjoniet tiegħu fil-Kawżi magħquda Trijber u Harmsen, C-340/14 u C-341/14, EU:C:2015:505, punti 51 sa 57, l-Avukat Ġenerali Szpunar kien tal-fehma li d-Direttiva 2006/123 tapplika għal sitwazzjonijiet limitati għal Stat Membru wieħed. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma indirizzatx din il-kwistjoni minħabba li ma qisitx li l-fatti f'dik il-kawża kienu purament interni - ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Trijber u Harmsen, C-340/14 u C-341/14, EU:C:2015:641, punti 40 sa 42. Dwar din il-kwistjoni ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Grupo Itevelesa *et*, C-168/14, EU:C:2015:351, punt 36.

18 Id-Direttiva 2006/123 tistabbilixxi, skont l-Artikolu 1(1) tagħha ("Suġġett"), "dispożizzjonijiet ġenerali li jħaffu l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment għall-fornituri tas-servizzi u l-moviment liberu tas-servizzi, filwaqt li tinżamm kwalità għolja tas-servizzi". Imbagħad hija tgħaddi sabiex tistabbilixxi regoli, fil-Kapitoli III u IV tagħha, li jirregolaw il-liberta' ta' stabbiliment għall-fornituri u l-moviment liberu tas-servizzi.

19 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Rina Services *et*, C-593/13, EU:C:2015:399.

20 Ara, madankollu, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cruz Villalón fil-Kawża Rina Services u Rina, C-593/13, EU:C:2015:159, punt 23, li qies li dak kien il-każ.

21 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Rina Services *et*, C-593/13, EU:C:2015:399, punti 23, 24, u 36 sa 40.

52. Wara dan, għalkemm is-"servizzi tal-kura tas-saħħa" huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123, skont l-Artikolu 2(2)(f) tagħha, hekk kif il-Kummissjoni nnotat, skont il-premessa 22 tagħha s-"servizzi tal-kura tas-saħħa" huma servizzi pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lil pazjenti sabiex ikun eżaminat, miżmum u miġjub lura l-istat ta' saħħa tagħhom [22]. Minħabba li dan ma huwiex il-każ għall-provvista ta' servizzi veterinarji, id-Direttiva 2006/123 tibqa' tapplika fil-kawża prinċipali, skont l-Artikolu 2(1) tagħha.

53. Irrid ninnota wkoll li ma jirriżultax mill-punti preċedenti li hija eskluża l-applikazzjoni fl-istess waqt tal-Artikolu 63 TFUE. Din id-dispożizzjoni tkopri investimenti diretti fl-għamla ta' parteċipazzjoni f'impriża permezz taż-żamma ta' ishma li tagħti l-possibbiltà ta' parteċipazzjoni b'mod effettiv fit-tmexxija u fil-kontroll tagħha, u wkoll investiment ta' portafoll [23]. Madankollu, jekk ir-regoli Rumeni inkwistjoni għandhom effetti restrittivi fuq il-moviment liberu tal-kapital, dawk l-effetti jkunu l-konsegwenza inevitabbli ta' xi restrizzjoni fuq il-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 49 TFUE u ma jagħtux lok għal eżami indipendenti fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE [24] Hija ħaġa loġika li, abbażi tas-sentenza Rina Services *et* [25], dan għandu wkoll ikun il-każ għal responsabbiltajiet identifikati mhux taħt l-Artikolu 49 TFUE direttament, iżda pjuttost taħt id-Direttiva 2006/123.

54. Għalhekk, ser nipproċedi bl-analiżi tiegħi biss abbażi tad-Direttiva 2006/123.

2. Fuq l-ewwel domanda

55. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva 2006/123 tipprekludix regoli nazzjonali, bħar-regoli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jipprevedu li prattikanti veterinarji jgawdu minn dritt esklużiv ibiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw prodotti organiċi veterinarji, prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u prodotti mediċinali veterinarji.

a) *L-eżistenza ta' rekwiżit li għandu jiġi evalwat: l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2006/123*

56. Billi jillimitaw il-kummerċ bl-imnut u l-użu ta' prodotti organiċi, ta' prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-prattikanti veterinarji, ir-regoli Rumeni inkwistjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 4(i) tal-Liġi Nru 160/1998, b'mod ċar ħafna jaqgħu taħt it-tip ta' rekwiżit li għandu jiġi evalwat skont l-Artikolu 15(2)(d) tad-Direttiva 2006/123 [26]. Il-Gvern Rumen dan ma jikkontestahx.

57. B'mod tassew sempliċi, dawk ir-regoli jagħtu lill-prattikanti veterinarji monopolju legali sabiex ibiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw il-prodotti inkwistjoni.

58. Ir-riferiment, fl-Artikolu 15(2)(d) tad-Direttiva 2006/123, l-ewwel nett għad-Direttiva 2005/36 u, imbagħad, għal strumenti oħra tal-Unjoni — bħad-Direttiva 2001/82 — jibdel dik l-evalwazzjoni? Il-Kulleġġ jidher li huwa ta' dik il-fehma.

59. Jiena, min-naħa l-oħra, ma naħsibx li da huwa l-każ.

22 Ara, dwar dan, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Femarbel, C-57/12, EU:C:2013:517, punti 34 sa 39.

23 Ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata. Investimenti ta' portafoll huma l-kisba ta' ishma fis-swieq tal-kapital bl-intenzjoni biss li jsir investiment finanzjarju mingħajr ebda intenzjoni li jiġu influwenzati t-tmexxija u l-kontroll tal-impriża.

24 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis, C-201/15, EU:C:2016:972, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata.

25 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Rina Services *et*, C-593/13, EU:C:2015:399.

26 Ara, f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 49 TFUE fir-rigward ta' regoli simili dwar l-ispiżeriji, is-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et*, C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 24, u Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-531/06, EU:C:2009:315, punti 45 u 47.

60. Fl-ewwel lok, ebda waħda mir-regoli tad-Direttiva 2005/36 imsemmija fid-digriet tar-rinviju ma tiġġustifika trattament esklużiv. L-Artikolu 38(3) tad-Direttiva 2005/36 jarmonizza biss it-taħriġ bħala prattikant veterinarju u, b'mod partikolari, l-għarfien li dawk il-professjonisti għandu jkollhom. Madankollu dan ma jillimitax il-bejgħ bl-imnut, l-użu u l-amministrazzjoni tal-prodotti inkwistjoni għall-prattikanti veterinarji.

61. Fit-tieni lok, għalkemm l-Artikolu 66 tad-Direttiva 2001/82 jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-provvista tal-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji ssir biss minn persuni li l-liġi tal-Istat Membru konċernat tkun tippermettilhom jagħmlu xogħol bħal dan, dan l-artikolu ma jipprevedix li dawk il-persuni jistgħu jkunu biss prattikanti veterinarji.

62. Barra minn dan, il-fatt li l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2001/82 jagħmel riferiment għal regoli nazzjonali iktar stretti relatati mal-amministrazzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji ma huwa ta' ebda rilevanza. Tabilħaqq, din id-dispożizzjoni tirrigwarda l-akkwist ta' tali prodotti mill-utent finali, u mhux is-setgħa li l-attività inkwistjoni tiġi limitata għal prattikanti veterinarji.

63. Jiena, għalhekk, nikkonkludi li r-regoli Rumeni inkwistjoni jikkostitwixxu rekwiżit li għandu jiġi evalwat skont l-Artikolu 15(2)(d) tad-Direttiva 2006/123. Jonqos li jitqies jekk dak ir-rekwiżit jissodisfax il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 15(3) tiegħu.

b) *Ġustifikazzjoni: l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123*

64. Skont l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123, L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li kull rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 15(2) tagħha fis-sistemi legali tagħhom ikun (a) mhux diskriminatorju; (b) neċessarju, u (c) proporzjonat.

65. Għalkemm mad-daqqa ta' għajn dik id-dispożizzjoni tipprova tikkodifika d-duttrina Gebhard[27], jidher li jsegwi mill-kliem tal-Artikolu 15(3)(a) tad-Direttiva 2006/123 li rekwiżiti li indirettament ikunu diskriminatorji ma jistgħux ikunu ġġustifikati. Dan bla dubju jmur lil hinn mir-rekwiżiti ta' dik id-duttrina[28]. Kien x'kien, ċittadini ta' Stati Membri oħra huma intitolati jistabbilixxu ruħhom fir-Rumanija bħala veterinarji, u b'hekk jiksbu d-dritt li jbiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw il-prodotti inkwistjoni. Barra minn dan, ma huwiex allegat fil-kawża prinċipali li r-regoli Rumeni inkwistjoni, għalkemm japplikaw mingħajr ebda distinzjoni, aktarx jiffavorixxu liċ-ċittadini Rumeni.

66. Dwar jekk ir-regoli Rumeni inkwistjoni humiex iġġustifikati minħabba raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, il-Gvern Rumen jargumenta li dawk ir-regoli huma neċessarji għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li tikkostitwixxi tali raġuni[29]. Barra minn dan, dak il-gvern jagħmel riferiment għall-premessa 2 tad-Direttiva 2001/82, li tispeċifika li "[l]-għan ewlieni ta' kull regola għall-produzzjoni u distribuzzjoni ta' prodotti mediċinali veterinarji għandu jkun il-ħarsien tas-saħħa pubblika".

67. Madankollu l-Gvern Rumen jista' verament jistrieħ fuq il-protezzjoni tas-saħħa pubblika, anki jekk il-prodotti inkwistjoni jistgħu ma jkunux intiżi għall-konsum dirett mill-bniedem? Din hija mistoqsija essenzjali, ladarba l-provvista ta' servizzi veterinarji ma hijiex "servizzi tal-kura tas-saħħa" skont l-Artikolu 2(2)(f) tad-Direttiva 2006/123.

68. Xorta waħda nittendi nqis li dak huwa l-każ.

27 Sentenza tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, EU:C:1995:411, punt 37.

28 Dwar din il-kwistjoni, il-premessa 65 tad-Direttiva 2006/123 hija inkonklussiva.

29 Ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-89/09, EU:C:2010:772, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata. Il-Gvern Rumen jistabbilixxi rabta impliċita, f'parti differenti tal-osservazzjonijiet tiegħu, bejn il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali.

69. Tabilħaqq, il-kwistjoni ta' liema servizzi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/123 hija differenti mill-kwistjoni ta' liema raġunijiet imperattivi Stat Membru jista' jistrieħ fuqhom sabiex jiġġustifika rekwiżit skont l-Artikolu 15(3) tagħha. Barra minn dan, l-Artikolu 15(3)(b) ma jillimitax ir-raġunijiet imperattivi li Stat Membru jista' jinvoka. Għalhekk ma jqum ebda kunflitt ma' dak li qalet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Rina Services *et*[30].

70. Barra minn dan, kif il-Gvern Rumen wera, ħafna strumenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni huma xhieda, għal raġunijiet li huma evidenti minnhom infushom, ta' rabta bejn is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u/jew is-saħħa pubblika. B'mod partikolari dan huwa l-każ fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel, fejn ir-rabta bejn is-saħħa tal-annimali u s-saħħa pubblika hija forsi l-iktar b'saħħitha[31]. Li tkun żgurata provvista sikura u ta' kwalità għolja ta' prodotti mediċinali veterinarji kullimkien fi Stat Membru jidhirli li huwa għan leġittimu[32].

71. Dak li jibqa' x'jitqies huwa jekk dawk ir-regoli (i) humiex adatti sabiex jiggarantixxu l-ilħiq tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika; (ii) imorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan, u (iii) jistgħux jiġu ssostitwiti b'miżuri oħra inqas restrittivi li jiksbu l-istess riżultat.

72. Dwar dawn il-punti, minn naħa, huwa għall-Istati Membri li jiddeterminaw il-livell ta' protezzjoni li huma jkunu jixtiequ jagħtu lis-saħħa pubblika u l-mod kif għandu jinkiseb dak il-livell. Minħabba li dak il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, l-Istati Membri għandhom jitħallew ikollhom diskrezzjoni[33].

73. Min-naħa l-oħra, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipproduċi il-provi meħtieġa, permezz ta' data minn statistika jew *ad hoc* jew b'mezzi oħra, li minnhom ikun jista' jiġi raġonevolment konkluż li l-mezzi magħżula huma adatti sabiex jintlaħqu l-għanijiet segwiti u li dawk l-għanijiet ma jistgħux jintlaħqu b'miżuri li jkunu inqas restrittivi għal-libertà fundamentali ta' moviment liberu u, bl-istess argument, għad-Direttiva 2006/123[34].

74. Jidher ċar li r-regoli Rumeni inkwistjoni, li bihom jingħata effett lill-Artikolu 66 tad-Direttiva 2001/82, huma adatti sabiex jiżguraw l-ilħiq tal-għan ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika. Il-limitazzjoni tad-dritt ta' bejgħ bl-imnut, ta' użu u ta' amministrazzjoni tal-prodotti inkwistjoni għal prattikanti veterinarji biss hija mod wieħed sabiex ikun żgurat li l-kwantità ta' mediċina veterinarja preskritta u pprovduta tkun ristretta għall-ammont minimu meħtieġ għat-trattament jew għat-terapija

30 Sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, Rina Services *et*, C-593/13, EU:C:2015:399, punt 40.

31 Ara, pereżempju, il-premessa 5 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3. Vol. 45, p. 200), li tgħid li "Is-saħħa ta' l-annimali u l-welfare ta' l-annimali huma fatturi importanti li jikkontribwixxu għall-kwalità u s-sigurezza ta' l-ikel, għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' mard ta' l-annimali u għal trattament uman ta' l-annimali". Barra minn dan, skont l-Artikolu 67(aa) tad-Direttiva 2001/82, riċetta hija meħtieġa sabiex il-pubbliku jkun jista' jingħata prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel. Fil-fatt skont il-premessa 17 tad-Direttiva 2004/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li temenda id-Direttiva 2001/82/KE fuq il-kodiċi tal-Komunità dwar prodotti mediċinali veterinarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 286), "prodotti mediċinali [veterijarji] għandhom jintużaw biss f'dawk il-kondizzjonijiet li jiggarantixxu li l-ikel prodott m'huwiex ta' ħsara għall-konsumatur minħabba xi residwi ta' prodotti mediċinali".

32 Ara, fir-rigward tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15, EU:C:2016:776, punt 34.

33 Ara s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et*, C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata.

34 Ara, dwar dan, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15, EU:C:2016:776, punti 35 u 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

kkonċernati, skont l-Artikolu 67 tad-Direttiva 2001/82. F'dan ir-rigward, kif essenzjalment jissottometti l-Kulleġġ, l-għoti eċċessiv ta' riċetti għal mediċina veterinarja li għaliha tkun meħtieġa riċetta, bħall-antibijotiċi, jikkawża tħassib serju għas-saħħa pubblika [35]. Dan it-tħassib huwa rifless fil-livell tal-Unjoni [36].

75. Dan, madankollu, ma jweġibx il-mistoqsija dwar jekk ir-regoli Rumeni inkwistjoni jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi protetta is-saħħa pubblika, u jekk dawn jistgħux jiġu ssostitwiti b'miżuri oħra inqas restrittivi li jiksbu l-istess riżultat.

76. Dik il-mistoqsija hija bla dubju ta' xejn imwieġba bl-aħjar mod mill-qorti tar-rinviju nnifisha [37].

77. Madankollu, ser ngħaddi issa sabiex nispjega għaliex inqis il-monopolju legali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala disproporzjonat.

78. Waqt is-seduta, il-Gvern Rumen iddikjara li l-prodotti inkwistjoni jeħtieġu riċetta medika mingħand veterinarju bħala kundizzjoni sabiex jinkisbu. Huwa għall-qorti tar-rinviju li tivverifika din id-dikjarazzjoni, mingħajr ma jintesa li l-argumenti sottomessi fil-kuntest tal-kawża prinċipali ma jiġġustifikawx li jinżamm monopolju legali fir-rigward ta' prodotti li għalihom tali riċetta ma hijiex obbligatorja [38].

79. Indipendentement minn dan, ma huwiex ċar għaliex huwa assolutament meħtieġ għal prattikant veterinarju li jkollu d-dritt *uniku* li jbiegħ bl-imnut il-prodotti inkwistjoni kif ukoll li jkollu s-setgħa esklużiva jippreskrivihom. B'mod partikolari, kif osservat il-Kummissjoni waqt is-seduta, huwa konċepibbli li persuni oħra kkwalifikati kif imiss jistgħu wkoll jitħallew ibiegħu l-prodotti inkwistjoni, bħal farmaċisti jew persuni oħra mħarrġa professjonalment b'mod avvanzat fil-farmaċija. Bi tweġiba għal dan, il-Gvern Rumen iddikjara waqt is-seduta li l-professjoni ta' farmaċista veterinarju ma hijiex irregolata fir-Rumanija. Barra minn dan, huwa osserva li, skont il-programm ta' studju li l-prattikanti veterinarji jeħtiġilhom isegwu skont l-Artikolu 38(1) tad-Direttiva 2005/36, kif speċifikat fil-punt 5.4.1 tal-Anness V tagħha, il-prattikanti veterinarji jgħaddu minn taħriġ fil-farmaċija u, għalhekk, ikollhom in-numru ta' ħiliet meħtieġa sabiex ibiegħu l-prodotti inkwistjoni. Dan huwa minnu, madankollu l-Gvern Rumen ma spjegax kif dak it-taħriġ jiddifferenzja lill-prattikanti veterinarji mill-farmaċisti "regolari" li wkoll ikunu studjaw il-farmaċija. F'dan ir-rigward, għalkemm il-farmaċisti wkoll ikollhom interess privat li jagħmlu profitt b'rabta mal-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mediċinali veterinarji, il-fatt li parti indipendenti titħalla wkoll tbiegħ bl-imnut dawk il-prodotti fuq preżentazzjoni ta' riċetta medika veterinarja jgħin bħala kontrobilanċ għal dak l-interess [39].

35 Ara, *inter alia*, ir-rapport 2013 dwar ir-riskji globali tal-Forum Ekonomiku Dinji, it-Tmien edizzjoni (World Economic Forum, Global Risks 2013, Eighth Edition) p. 28 *et seq.*, li josserva (p. 31) li "l-antibijotiċi jintużaw iżżejjed mad-dinja kollha fit-trobbija tal-bhejjem u tal-ħut (eżempju bħala fatturi għat-tkabbir). Batterja reżistenti tista' tiġi ttrasferita lill-bnedmin permezz ta' kuntatt mal-bhejjem permezz tal-katina tal-ikel, u permezz ta' ilma mormi minn dawk l-operazzjonijiet, kif ukoll permezz ta' ilma mormi minn sptarijiet u impjanti farmaċewtiċi".

36 Ara, *inter alia*, ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-Isfida Mikrobika – Theddid li qed jiżdied mir-Reżistenza Antimikrobika [2012/2041(INI)] li, wara li affermat, fil-punt K, li "hemm rabta bejn l-użu tal-antimikrobiċi fl-annimali u ż-żieda ta' reżistenza fil-bniedem", tistieden lill-Kummissjoni, fil-punt 19 tagħha, "teżamina l-kundizzjonijiet għall-preskrizzjoni u għall-bejgħ ta' antimikrobiċi sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prattiki fil-qasam tal-kura tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali jistgħux iwasslu għal preskrizzjoni żejda, użu żejjed jew użu ħażin ta' antimikrobiċi".

37 Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, Susisalo *et*, C-84/11, EU:C:2012:374, punt 42.

38 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2003, Deutscher Apothekerverband, C-322/01, EU:C:2003:664, punt 112.

39 Qabbel mas-sentenza tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et*, C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 37.

80. Barra minn dan, ma hemmx riskju evidenti li konsum żejjed jew użu ħażin ta' prodotti mediċinali veterinarji jista' jwassal sabiex jinħlew riżorsi finanzjarji għall-korpi ta' assigurazzjoni għas-saħħa kkonċernati [40]. Għall-kuntrarju, minħabba li huma l-utenti finali li normalment ikollhom jiffinanzjaw l-akkwist ta' dawk il-prodotti (jew billi jissottoskrivu ma' assigurazzjoni għas-saħħa privata għall-annimali jew bil-mezzi tagħhom stess), dawk l-utenti finali għandhom ikunu jistgħu jagħżlu liberament bejn li jixtru dawk il-prodotti mingħand prattikant veterinarju jew permezz ta' sors ieħor adatt ta' bejgħ bl-imnut.

81. F'dan il-kuntest, il-Gvern Rumen, fil-fehma tiegħi, ma eżonerax lilu nnifsu milli jipproduċi prova, kif għandu jagħmel skont il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq fil-punt 73.

82. Abbażi ta' dan, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta għall-ewwel domanda rrinvijata fis-sens li, skont interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/123, regoli nazzjonali li jagħtu dritt esklużiv sabiex prattikanti veterinarji jbiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw prodotti organiċi veterinarji, prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u prodotti mediċinali veterinarji ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 15(3)(ċ) ta' din id-direttiva, sa fejn dawk ir-regoli jew:

– jestendu għal prodotti li għalihom ma hijiex obbligatorja riċetta medika veterinarja; jew

– ma jippermettux lill-persuni mħarrġa professjonalment fil-farmaċija, ħlief lill-prattikanti veterinarji, ibiegħu bl-imnut dawk il-prodotti, jekk ikun meħtieġ skont l-istruzzjonijiet ta' riċetta medika veterinarja maħruġa minn prattikant veterinarju jekk l-akkwist tagħhom jiddependi minn tali riċetta.

Huwa għall-qorti tar-rinviju li tiddetermina jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

3. Fuq it-tieni domanda

83. Permezz tat-tieni domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk id-Direttiva 2006/123 tipprekludix regoli nazzjonali, bħar-regoli Rumeni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li mhux biss jipprovdu li prattikanti veterinarji jgawdu minn dritt esklużiv ta' bejgħ bl-imnut, ta' użu u ta' amministrazzjoni tal-prodotti inkwistjoni, iżda wkoll li l-istrutturi li permezz tagħhom dawk il-prodotti huma mibjugħin għandhom ikunu prinċipalment jew esklużivament proprjetà ta' prattikant veterinarji wieħed jew iktar.

84. Isegwi mill-kliem ta' dik id-domanda, li qiegħda ssir sussidjarjament, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta għaliha biss jekk ma tagħtix risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda preliminari. Fil-fehma tiegħi r-regoli Rumeni inkwistjoni, kif ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, ma humiex kompatibbli mad-Direttiva 2006/123. Madankollu, sabiex ikun ingħad kollox, ser ngħid kif naħsibha dwar it-tieni domanda, mingħajr ma ninsew li l-osservazzjonijiet magħmula iktar 'il fuq fil-punti 55 sa 82 għadhom rilevanti meta wieħed iqis din id-domanda.

85. Fl-osservazzjonijiet tagħha l-Kummissjoni tidentifika żewġ rekwiżiti li joriġinaw mir-regoli Rumeni inkwistjoni. L-ewwel, rekwiżit li spiżeriji veterinarji u ħwienet farmaċewtiċi veterinarji jistgħu jkunu biss persuni ġuridiċi. It-tieni, rekwiżit li l-kapital azzjonarju tagħhom ikun kollu (mhux kważi kollu) miżmum minn prattikanti veterinarji.

40 Għall-kuntrarju ta' dak li huwa l-każ għall-prodotti mediċinali abbażi ta' riċetta intiżi sabiex jiġu kkunsmati mill-bniedem, ara s-sentenzi tad-19 ta' Mejju 2009, Apothekerkammer des Saarlandes *et*, C-171/07 u C-172/07, EU:C:2009:316, punt 33 u Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-531/06, EU:C:2009:315, punt 57.

86. Madankollu, it-tieni domanda preliminari ma tikkonċentrax fuq in-natura tal-personalità — kemm jekk ġuridika jew fiżika — tal-istrutturi li permezz tagħhom dawk il-prodotti huma mibjugħin. Għalhekk m'iniex ser nindirizza dik il-kwistjoni, minħabba li tmur lil hinn mill-iskop ta' dik id-domanda [41].

87. Fil-mertu, rekwiżit li l-prodotti inkwistjoni għandhom jinbiegħu fi spiżeriji veterinarji jew ħwienet farmaċewtiċi veterinarji proprjetà prinċipalment jew esklużivament ta' prattikanti veterinarji [42] huwa relatat mal-proprjetà f'ishma tal-"kumpanniji" jew, f'dan il-każ, tal-istabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut. Dak huwa rekwiżit dubjuż skont l-Artikolu 15(2)(ċ) tad-Direttiva 2006/123.

88. Dwar jekk dak ir-rekwiżit jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123, l-osservazzjonijiet tiegħi fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari jgħinu b'xi mod sabiex tingħata risposta għal dik id-domanda — l-iktar dwar jekk hemmx raġuni imperattiva fl-interess pubbliku.

89. Madankollu, kif ikkonkludejt band'oħra, il-ġurisprudenza turi li l-Qorti tal-Ġustizzja, korrettement, toqgħod attenta li l-Istati Membri ma jindaħlux fil-libertà ta' stabbiliment billi jirregolaw fid-dettall struttura ta' suq jew sitwazzjoni kompetittiva partikolari, *inter alia* bl-iskuża li tkun żgurata kwalità għolja ta' servizz għal klijenti u konsumaturi [43]. Jidhirli li restrizzjonijiet fuq il-proprjetà u/jew l-istruttura ekonomika ta' stabbiliment jaqgħu taħt l-istess kategorija u għandhom jiġu ttrattati b'ċertu doża ta' suspett.

90. Fl-osservazzjonijiet tagħha l-Kummissjoni hija tal-fehma li bħala prinċipju l-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-annimali ma tistax tiġġustifika r-rekwiżit ta' proprjetà kkontestat fuq l-istess livell bħall-protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-bnedmin.

91. Dik il-pretensjoni jidher li għandha iktar rilevanza filosofika milli prattika. Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement irrikonoxxiet li l-ħajja u s-saħħa tal-bnedmin jiġu minn ta' quddiem nett fost l-interessi protetti mit-Trattati [44]. Xorta waħda ma narax il-ħtieġa li l-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika sa fejn is-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin "jiġu qabel" is-saħħa u l-ħajja tal-annimali. Dan is-suġġeriment jidher ukoll li jista' jħawwad xi ftit fid-dawl tad-dikjarazzjoni riċenti ta' politika tal-Kummissjoni nnifisha [45].

92. Tabilħaqq, l-ewwel nett, kif intqal fil-punti 70 u 74 iktar 'il fuq, hemm rabta bejn il-protezzjoni tal-ħajja u tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali.

93. It-tieni nett, meta jingħad li l-għan "primarju" tal-effetti terapewtiċi ta' prodotti mediċinali veterinarji huma l-annimali, u li l-użu ħażin jew bla bżonn tagħhom ma jagħmilx ħsara "diretta" lill-bnedmin, il-Kummissjoni fil-fatt tirrikonoxxi li hemm effetti sekondarji u indiretti fuq il-bnedmin. Fi kliem ieħor, huwa stabbilit li l-protezzjoni tas-saħħa pubblika (umana) għadha rilevanti.

41 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Consiglio Nazionale dei Geologi u Autorità garante della concorrenza e del mercato, C-136/12, EU:C:2013:489, punt 31.

42 Bħalma jidher li jsegwi mill-qari flimkien tal-Artikolu 32 u tal-Artikolu 37(1) tal-Liġi Nru 160/1998; l-Artikolu 1(m) u l-Artikolu 37(1) tal-KPV; u l-Artikolu 43(j) u l-Artikolu 51(g) tar-RSV qabel ma tħassru mill-ordni kkontestata.

43 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża Grupo Itevelesa *et*, C-168/14, EU:C:2015:351, punti 73 u 74 u l-ġurisprudenza ċċitata.

44 Ara s-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15, EU:C:2016:776, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata.

45 Ara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tad-29 ta' Ġunju 2017 dwar pjan ta' azzjoni saħħa waħda Ewropew kontra r-reżistenza antimikrobika (RAM) [COM (2017) 339 finali], fejn il-Kmmissjoni tgħid (p. 3) li l-approċċ ta' "Saħħa Waħda" huwa "terminu użat sabiex jiddeskrivi prinċipju li jirrikonoxxi li s-saħħa tal-bniedem u s-saħħa tal-annimali huma interkonnessi, li l-mard jgħaddi mill-bnedmin għall-annimali u viċi versa, u għalhekk għandu jiġi indirizzat fit-tnejn li huma. L-approċċ 'Saħħa Waħda' jinkludi wkoll l-ambjent, li huwa rabta oħra bejn il-bnedmin u l-annimali u bl-istess mod huwa sors potenzjali ta' mikroorganiżmi reżistenti ġodda. Dan it-terminu huwa rikonoxxut globalment, wara li ntuża ħafna fl-UE u fid-Dikjarazzjoni Politika tal-2016 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-RAM".

94. It-tielet nett, meta jkun hemm inċertezza dwar l-eżistenza ta' riskji għas-saħħa tal-bniedem jew kemm dawn ikunu kbar, il-prinċipju ta' prekawzjoni jista' jippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri protettivi fir-rigward ta' prattiki mediċinali veterinarji mingħajr ma jkollhom jistennew sakemm ir-riskji għall-bnedmin jibdew jidhru verament reali.

95. Għaldaqstant, minflok ma tindirizza dik id-domanda li hija kemxejn teoretika, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha sempliċement tikkonċentra fuq jekk l-għan imsemmi jiġġustifikax il-mezzi, jiġifieri, jekk il-protezzjoni tas-saħħa pubblika tiġġustifikax restrizzjoni fuq min ikun is-sid tal-istabbilimenti li jbiegħu bl-imnut il-prodotti inkwistjoni.

96. Issa, mingħajr ma jgħid b'mod ċar dwar il-limitu applikabbli, id-digriet tar-rinviju jindika li l-Kummissjoni u l-Gvern Rumen iddiskutew il-possibbiltà li jitnaqqas il-proporzjon tal-kapital ta' spiżerija veterinarja jew ta' ħanut farmaċewtiku veterinarju li għandu jkun miżmum minn prattikanti veterinarji skont ir-regoli Rumeni inkwistjoni [46]. Madankollu, ikolli nistqarr li s-seduta ma għamlet partikolarment xejn ċar x'kien attwalment dak il-limitu, minħabba li l-partijiet ma qablux dwar kif il-liġi nazzjonali kellha tkun interpretata. Ovvjament dan huwa għall-qorti nazzjonali li tiddetermina. L-osservazzjonijiet li ġejjin għandhom, għalhekk, jinqraw b'dan il-ħsieb.

97. Il-partijiet kienu mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar is-sentenza Il-Kummissjoni vs Franza, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet parzjalment rikors intiż sabiex jiġi kkonstatat li, billi żammet fis-seħħ regoli li jillimitaw sa massimu ta' 25 % tal-ishma, u għal din ir-raġuni d-drittijiet ta' votazzjoni, li dawk li ma jkunux bijoloġisti jista' jkollhom f'kumpannija b'responsabbiltà limitata jew f'impriża magħmula minn persuni li jipprattikaw professjoni li topera laboratorji ta' analiżi bijomedika, ir-Repubblika Franċiża kienet kisret (dak li llum huwa) l-Artikolu 49 TFUE. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-natura restrittiva ta' dawk ir-regoli kienet iġġustifikata għal raġunijiet ta' saħħa pubblika u kienet tissodisfa r-rekwiżiti ta' proporzjonalità [47]. Kruċjali għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja kien il-fatt li l-limitu ta' 25 % li persuni mhux bijoloġisti setgħu jżommu f'ishma kien jippermetti lil bijoloġisti jeżerċitaw influwenza determinanti fuq id-deċiżjonijiet l-iktar importanti meħuda fil-kumpannija — fi kliem ieħor, sabiex iżommu l-kontroll [48].

98. Madankollu, jidhirli li f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja eżerċitat grad eċċessiv ta' kontroll billi ma kkonstatatx ksur tal-Artikolu 49 TFUE. Forsi dan jista' jiġi spjegat mill-irwol apparentement uniku u ċentrali li l-bijoloġisti jaqdu fil-kura tas-saħħa Franċiża [49]. M'iniex konvint li l-istess jista' jingħad dwar il-prattikanti veterinarji. Tabilħaqq, lanqas il-Gvern Rumen ma jsostni tali interpretazzjoni stretta tal-liġi tiegħu stess [50].

99. Kif inhuma l-affarijiet, inqis li r-regoli Rumeni inkwistjoni jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ, anki jekk ir-rekwiżit ta' proprjetà jiġi interpretat li jitlob biss proprjetà maġġoritarja minn prattikanti veterinarji ta' spiżeriji veterinarji u ta' ħwienet farmaċewtiċi veterinarji.

46 Hemm ħjiel dwar din l-eventwalità fl-Artikolu 1(m) tal-KPV, li jitlob li spiżeriji veterinarji u ħwienet farmaċewtiċi veterinarji jispeċifikaw "jekk il-kapital tagħhom [ikunx] esklużivament miżmum minn prattikanti veterinarji *jew jekk [ikunx]* inġabar *mod ieħor* b'konsegwenza *ta' emendi leġiżlattivi sussegwenti*" (enfasi miżjuda).

47 Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-89/09, EU:C:2010:772. Jirriżulta wkoll mill-punt 78 ta' din is-sentenza li persuni mhux bijoloġisti kienu jitħallew ikollhom iktar minn 25 % tal-kapital fi shubijiet b'responsabbiltà limitata li kienu joperaw laboratorji ta' analiżi bijomedika.

48 *Ibid.*, punti 68 u 78.

49 *Ibid.*, punti 29 u 56. Tobba tal-għajnejn ma għandhomx dak l-istess status, ara s-sentenza tal-21 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-140/03, EU:C:2005:242, punti 35 u 36.

50 Għandi nżid li, meta kellu pressjoni dwar din il-kwistjoni, il-Gvern Rumen qal li l-fehmiet tiegħu dwar it-tieni domanda preliminari kellhom bħala premessa risposta affermattiva għall-ewwel domanda preliminari. Madankollu huwa ma spjegax għaliex il-possibbiltà li r-rekwiżit ta' proprjetà jitħalla barra hija marbuta maż-żamma tad-dritt esklużiv li prattikanti veterinarji jbiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw il-prodotti inkwistjoni.

100. Dan huwa hekk, l-ewwel nett, għaliex il-ħtieġa li titħares l-indipendenza professjonali tal-prattikanti veterinarji ma tistax tiġġustifikah[51]. Bla dubju, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li hemm riskju ġenwin li persuni li ma jkunux membri ta' professjoni partikolari tas-settur tas-saħħa jistgħu jieħdu kontroll korporattiv, minħabba li jistgħu jitħajru jirrifjutaw jagħmlu xogħol ta' inqas qligħ jew iktar ikkumplikat u/jew li jnaqqsu l-konsulenza li jagħtu[52], Madankollu, flimkien ma' dak li għidt iktar 'il fuq fil-punt 79, fil-każ inkunsiderazzjoni xejn ma jżomm lill-prattikanti veterinarji milli jagħmlu l-istess, minħabba li għandhom is-setgħa esklużiva jippreskrivu prodotti mediċinali veterinarji. Il-prospett biss ta' proċeduri dixxiplinari professjonali, għalkemm bla dubju huwa xi għamla ta' salvagwardja, ma jneħħix dan ir-riskju.

101. It-tieni nett, obbligu li l-prattikanti veterinarji jkunu s-sidien tal-ishma kollha jew kważi kollha tal-ispiżeriji veterinarji u tal-ħwienet mediċinali veterinarji ma jippermettix li tinġibed il-konklużjoni li, fost affarijiet oħra, tkun tista' tiġi preskritta mediċina veterinarja inqas u iktar effettiva, jew li l-klijenti u l-pazjenti jkunu jistgħu jingħataw pariri aħjar. Dwar dan, jirriżulta diġà mill-qari flimkien tal-Artikolu 12(2), tal-Artikolu 24 u tal-Artikolu 25 tar-RSV li prodotti farmaċewtiċi veterinarji li għalihom tkun meħtieġa riċetta jistgħu jinbiegħu biss minn spiżeriji veterinarji, fil-preżenza ta' prattikant veterinarju u taħt is-superviżjoni tiegħu. Dwar il-prodotti veterinarji li għalihom ma tkunx meħtieġa riċetta — li jkunu jistgħu jinbiegħu wkoll minn ħwienet farmaċewtiċi veterinarji — l-Artikolu 23(3) tar-RSV jitlob, mill-inqas, il-preżenza ta' persunal b'edukazzjoni sekondarja speċjalizzata. Xejn, għalhekk, ma jwassal sabiex wieħed jemmen li r-rekwiżit ikkontestat ta' proprjetà jżid xi valur lir-regoli xort'oħra applikabbli.

102. Għaldaqstant, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda preliminari tkun fis-sens li, skont interpretazzjoni korretta, l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123 jipprekludi r-regoli ta' Stat Membru li mhux biss jippreveduli l-prattikanti veterinarji jgawdu d-dritt jippreskrivu prodotti li għalihom tkun meħtieġa riċetta medika veterinarja u d-dritt esklużiv li jbiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw dawk il-prodotti, iżda wkoll li l-istrutturi li permezz tagħhom dawk il-prodotti huma mibjugħin għandhom ikunu l-proprjetà esklużiva jew kważi esklużiva ta' prattikant veterinarju wieħed jew iktar. Huwa għall-qorti tar-rinviju li tiddetermina jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

IV. Konklużjoni

103. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għad-domandi preliminari fil-Kawża C-297/16 magħmula mill-Curtea de Apel Bucureşti (qorti tal-appell, Bukarest, ir-Rumanija) fis-sens li:

(1) Skont interpretazzjoni korretta, l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Diċembru 2006, dwar is-servizzi fis-suq intern jipprekludi regoli nazzjonali li jagħtu dritt esklużiv sabiex prattikanti veterinarji jbiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw prodotti organiċi veterinarji, prodotti kontra l-parassiti għal użu speċjali u prodotti mediċinali veterinarji, sa fejn dawk ir-regoli jew:

– jestendu għal prodotti li għalihom ma hijiex obbligatorja riċetta medika veterinarja; jew

– ma jippermettux lill-persuni mħarrġa professjonalment fil-farmaċija, ħlief lill-prattikanti veterinarji, ibiegħu bl-imnut dawk il-prodotti, jekk ikun meħtieġ skont l-istruzzjonijiet ta' riċetta medika veterinarja maħruġa minn prattikant veterinarju jekk l-akkwist tagħhom jiddependi minn tali riċetta.

51 Il-Kulleġġ sempliċement isemmi li, fl-2014, l-Awtorità spezzjonat 543 spiżerija veterinarja u imponiet penali fuq 112 minnhom għall-ksur tar-regoli, mingħajr ma jispjega x'riskji r-regoli ta' proprjetà multidixxiplinarji jkollhom għall-indipendenza tal-prattikanti veterinarji. In-nuqqas ta' rilevanza ta' dik iċ-ċirkustanza jidher li huwa kkorroborat mill-fatt li l-Kulleġġ jgħaddi sabiex jgħid li ebda wieħed minn dak il-112-il każ ma ta lok għal proċeduri dixxiplinarji.

52 Sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-89/09, EU:C:2010:772, punt 82.

Huwa għall-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

(2) Skont interpretazzjoni korretta, l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123 jipprekludi regoli ta' Stat Membru li mhux biss jipprevedu li l-prattikanti veterinarji jgawdu d-dritt jippreskrivu prodotti li għalihom tkun meħtieġa riċetta medika veterinarja u d-dritt esklużiv li jbiegħu bl-imnut, jużaw u jamministraw dawk il-prodotti, iżda wkoll li l-istrutturi li permezz tagħhom dawk il-prodotti huma mibjugħin għandhom ikunu l-proprjetà esklużiva jew kważi esklużiva ta' prattikant veterinarju wieħed jew iktar. Huwa għall-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.